Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **2 ta' Lulju 2021**

## Heritage Malta tiċċelebra l-Jum Internazzjonali tal-Bizzilla b'attività fil-Palazz tal-Inkwiżitur

Heritage Malta se tfakkar il-Jum Internazzjonali tal-Bizzilla, li jaħbat il-Ħadd 11 ta' Lulju, b'attività li se ssir fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu, dakinhar stess.

F'Malta l-bizzilla bdiet tinħadem sekli ilu iżda ngħatat imbottatura kbira matul il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Id-domanda għaliha kienet fl-aqwa tagħha fl-Era Barokka, meta kienet iżżejjen l-ilbies bid-disinji elaborati tagħha. Fis-seklu 19 reġgħet ingħatat spinta bit-twaqqif ta' stabbilimenti organizzati tajjeb għall-produzzjoni tal-bizzilla.

Il-qofol tal-attività tal-11 ta' Lulju se jkun xogħol tal-bizzilla li se jkun qed jinħadem matul il-ġurnata kollha fil-bitħa tal-palazz, imsejħa l-Bitħa tal-Kastellanija. Jikkumplimentaw dan ix-xogħol se jkun hemm żewġ tours gwidati madwar il-palazz – wieħed bil-Malti fl-10.30am u ieħor bl-Ingliż fis-2.00pm.

F'dawn it-tours, il-parteċipanti mhux biss jingħataw tagħrif dwar il-Palazz tal-Inkwiżitur innifsu iżda wkoll dwar il-kollezzjoni nazzjonali tat-tessuti li tinsab f'dan il-palazz u dwar il-ħidma li qed issir biex it-tradizzjoni antika tal-bizzilla Maltija tibqa' għaddejja minn ġenerazzjoni għal oħra.

Il-parteċipanti jkunu jistgħu jitkellmu ma' dawk li se jkunu qed jaħdmu l-bizzilla fil-bitħa tal-palazz. Min jixtieq, jista' wkoll jipprova jaħdem biċċa bizzilla u jiġi provdut b'ingwanti li jintremew wara l-użu.

Il-biljetti għat-tours jiswew €6 l-wieħed u jinxtraw online mis-sit elettroniku ta' Heritage Malta kif ġej. Għat-tour bil-Malti jinxtraw minn hawn:
https://shop.heritagemalta.org/index.asp?eventid=775
Għat-tour bl-Ingliż jinxtraw minn hawn:
https://shop.heritagemalta.org/index.asp?eventid=776

Il-Palazz tal-Inkwiżitur dakinhar ikun miftuħ bħas-soltu għal viżitaturi oħra mill-10.00am sal-4.30pm, bil-prezzijiet normali tad-dħul. Kull min jattendi jrid josserva strettament ir-regolamenti tal-awtoritajiet tas-saħħa b'rabta mal-Covid-19.